

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2012 — Grau Ferrer vs UASI — Rubio Ferrer (Bugui va)**

(Kawża T-543/12)

(2013/C 55/31)

Lingwa tar-rikors: l-Ispaniol

**Partijiet**

Rikorrent: Xavier Grau Ferrer (Caldes de Montbui, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Juan Cándido Rubio Ferrer (Xeraco, Spanja), Alberto Rubio Ferrer (Xeraco)

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell, tal-11 ta' Ottubru 2012 fil-Każijiet R 274/2011-4 u R 520/2011-4, skont l-Artikolu 8.1(a) u (b) kif ukoll l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009, b'tali mod li tiġi miċħuda t-trade mark Komunitarja figurattiva Nru 7 338 031 "Bugui va" fl-intier tagħha, għall-prodotti u għas-servizzi kollha mitluba (klassijiet 31, 35 u 39);
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż tal-kawża, skont l-Artikolu 87.2 tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Juan Cándido Rubio Ferrer e Alberto Rubio Ferrer

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "Bugui va" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 31, 35 u 39 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7 338 031

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rirkorrent

*Trade mark jew sinjal invokat:* trade mark nazzjonali figurattiva li tinkludi l-element verbali "Bugui" u trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "BUGUI De la huerta a casa FRUITS FROM THE SPANISH VEGETABLE GARDEN", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 31, 32 u 39

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milquġha parzjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata u oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(a) u (b) u tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament Nru 207/2009, kif ukoll ksur tar-Regola 48 tar-Regolament Nru 2868/95.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2012 — Pensa Pharma vs UASI — Ferring u Farmaceutisk Lab Ferring (PENSA PHARMA)**

(Kawża T-544/12)

(2013/C 55/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Pensa Pharma, SA (Valencia, Spanja) (rappreżentanti: M. Esteve Sanz u M. González Gordon, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Ferring BV (Hoofddorp, il-Pajjiżi l-Baxxi) u Farmaceutisk Lab Ferring A/S (Vanlose, id-Danimarka)

**Talbiet**

- tannulla d-Deċiżjoni R 1883/2011-5 tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-1 ta' Ottubru 2012; u

- tikkundanna lill-konvenut u, jekk ikun meħtieġ, lill-intervenjenti, għall-ispejjeż sostnuti kemm matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll matul il-proċedimenti amministrattivi marbuta mal-appell quddiem l-UASI.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreregistrata li hija s-suġġett tat-talba għal-dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali "PENSA PHARMA", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 5 u 44 — registratori tat-trade mark Komunitarja Nru 4954831*

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rirkorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: il-partijiet l-oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: it-talbiet għal dikjarazzjoni ta' invalidità kienu bbażati fuq motivi previsti fl-Artikolu 53(1)(a), flimkien mal-Artikolu 8(1)(b), mal-Artikolu 8(5) u mal-Artikolu 53(2), tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, kif ukoll fuq ir-reġistrazzjoni Nru 377513, għall-Benelux, tat-trade mark verbali "PENTASA", għal prodotti fil-klassi 5

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja milqugħha għall-prodotti u s-servizzi kkontestati kollha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati:

- ksur tal-Artikolu 53(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009; u
  - ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009
- 

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2012 — Pensa Pharma vs UASI — Ferring u Farmaceutisk Lab Ferring (pensa)**

(Kawża T-546/12)

(2013/C 55/33)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Pensa Pharma, SA (Valencia, Spanja) (rappreżentanti: M. Esteve Sanz u M. González Gordon, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Ferring BV (Hoofddorp, il-Pajjiżi l-Baxxi) u Farmaceutisk Lab Ferring A/S (Vanlose, id-Danimarka)

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneralu jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Ħemes Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-1 ta' Ottubru 2012, fil-Każ R 1884/2011-5; u

- tikkundanna lill-konvenut u, jekk ikun il-każ, lill-intervenenti, għall-ispejjeż sostnuti kemm fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġeneralu kif ukoll dawk sostnuti fl-appell quddiem l-UASI.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark figurattiva "pensa", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 5 u 44 — Reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 4963542

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: il-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: it-talbiet għal dikjarazzjoni ta' invalidità kienu bbażati fuq motivi previsti fl-Artikolu 53(1)(a), flimkien mal-Artikoli 8(1)(b), 8(5) u 53(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, kif ukoll fuq ir-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Benelux Nru 377513 tat-trade mark verbali "PENTASA", għal prodotti fil-klassi 5

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja għall-prodotti u s-servizzi kollha, milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati:

- Ksur tal-Artikolu 53(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009; u
  - Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.
- 

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2012 — bachmeier vs UASI (oto-soft)**

(Kawża T-550/12)

(2013/C 55/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: bachmeier GmbH & Co. KG (Ramsau b. Berchtesgaden, Ġermanja) (rappreżentant: D. Donath, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)